IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.8.2015
COM(2015) 383 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitar tad-delega ta' setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati skont l-Artikolu 56 tad-Direttiva 2011/61/UE tat-8 ta' Ġunju 2011

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċitar tad-delega ta' setgħat lill-Kummissjoni sabiex tadotta atti delegati skont l-Artikolu 56 tad-Direttiva 2011/61/UE tat-8 ta' Ġunju 2011

1. Introduzzjoni

Id-Direttiva 2011/61/UE tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 [AIFMD, Alternative Investment Fund Managers] ikkonferiet setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati kif imsemmi fl-Artikoli 3, 4, 9, 12, 14 sa 25, 34 sa 37, 40, 42, 53, 67 u 68 ta' dik id-Direttiva. Dawn is-setgħat ġew ikkonferiti lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin mill-21 ta' Lulju 2011, u għalhekk sal-21 ta' Lulju 2015.

2. Bażi ġuridika tar-rapport

Skont l-Artikolu 56 tal-AIFMD, il-Kummissjoni kellha tfassal rapport fir-rigward ta' dawn is-setgħat delegati sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' erba' snin, u għalhekk sal-21 ta' Jannar 2015.

3. Eżerċitar tad-delega

Il-Kummissjoni eżerċitat kull setgħa li ngħatatilha, għajr għal dawk imsemmija fl-Artikolu 67(6) u l-Artikolu 68(5) tal-AIFMD, permezz ta' żewġ Regolamenti delegati:

- Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-eżenzjonijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-operat, id-depożitarji, l-ingranaġġ, it-trasparenza u s-superviżjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-22 ta' Marzu 2013.

- Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 514/2015 tat-18 ta' Diċembru 2014 dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq skont l-Artikolu 67(3) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-27 ta' Marzu 2015.

It-tabella ta' hawn taħt turi liema atti u artikoli korrispondenti jinkludu l-miżuri speċifiċi adottati skont is-setgħat mogħtijin rilevanti.

Setgħat mogħtijin fid-Direttiva 2011/61/UE	Att delegat; Artikolu
Artikolu 3	L-Artikoli 2 sa 5 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 4	L-Artikoli 6 sa 11 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 9	L-Artikoli 12 sa 15 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 12	L-Artikoli 16 sa 29 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 14	L-Artikoli 30 sa 37 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 15	L-Artikoli 38 sa 45 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 16	L-Artikoli 46 sa 49 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 17	L-Artikoli 50 sa 56 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 18	L-Artikoli 57 sa 66 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 19	L-Artikoli 67 sa 74 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 20	L-Artikoli 75 sa 82 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012

Artikolu 21	L-Artikoli 83 sa 102 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikoli 22 sa 24	L-Artikoli 103 sa 111 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 25	L-Artikolu 112 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikoli 34 sa 37, 40 sa 42	L-Artikoli 113 sa 115 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 53	L-Artikolu 116 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (KE) Nru 231/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012
Artikolu 67(5)	Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 514/2015 tat-18 ta' Diċembru 2014.

Is-setgħat mogħtijin fl-Artikoli 67(6) u 68 s'issa għadhom ma ġewx eżerċitati billi jirreferu għall-applikazzjoni tar-reġim armonizzat tal-passaporti għal maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv mhux tal-UE li jwettqu attivitajiet ta' maniġment u/jew ta' kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni u għal maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv tal-UE li jimmaniġġjaw fondi ta' investiment alternattiv mhux tal-UE, kif ukoll għall-iskeda ta' żmien marbuta magħhom. B'hekk, is-setgħa mogħtija fl-Artikolu 67(6) mistennija li tiġi eżerċitata matul l-2015, wara li l-ESMA twettaq rapport u toħroġ parir, li għandhom jitlestew sat-22 ta' Lulju 2015. Is-setgħa mogħtija fl-Artikolu 68(5) tista' tiġi eżerċitata wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 67(6), filwaqt li s-setgħa mogħtija fl-Artikolu 68(6) tista' tiġi eżerċitata tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 67(6).

4. Konklużjoni

Permezz ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkonforma mal-obbligu ta' rapportar fl-Artikolu 56 tad-Direttiva 2011/61/UE.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sabiex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.